**30 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Nazzareno Parnis

*versus*

Helen u Rita aħwa Parnis

**Ritrattazzjoni - Qerq minn waħda mill-partijiet - Artikolu 811, 812 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - Appell - Kapitolu**

*Ritrattazzjoni mhijiex sostitut ta' Appell. Parti li tinduna b'kapitolu u ġudikata wara li jiskadi t-terminu ma tistax tistitwixxi proċedura ta' ritrattazzjoni minflok.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fit-8 ta' Novembru, 1996 li taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat *l*-att taċ-ċitazzjoni ta' *l*-attur *li* biha, wara *li* ppremetta:

Li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza mogħtija fl-ismijiet inversi tat sentenza ta' żgumbrament wara kapitolu kontra l-attur odjern, u dan wara li l-istess konvenuti odjerni kienu ppremettew li huma kellhom id-dritt ta' l-azzjoni biex jitolbu l-iżgumbrament fl-20 ta' Marzu, 1995 (avviż nru. 303/94FS);

Li din tikkostitwixxi dikjarazzjoni falza u peress li tali fatt jikkostitwixxi frodi peress li l-konvenuti odjerni mhumiex il-proprjetarji ta' l-istess fond imsemmija fl-istess sentenza, u inoltre hemm falsità sostanzjali anke kif inhu deskritt il-fond;

Li l-attur odjern sar jaf li l-kawża kienet inqatgħet wara li ġie notifikat bil-mandat ta' żgumbrament;

Talab li l-konvenuti jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tordna li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Marzu, 1995 fl-ismijiet inversi għandha tiġi mħassra għar-raġunijiet premessi u dawk previsti mill-artikolu 811 (a);

Tordna s-smigħ u r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawża mill-ġdid;

Bl-ispejjeż;

*Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha* jeċċepixxu:

Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan billi:

A tenur ta' l-artikolu 812 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ir-ritrattazzjoni tista' tintalab fl-Ewwel Istanza purchè l-fatti li jikkostitwixxu t-talba jkunu a konjizzjoni ta' l-attur wara li għadda ż-żmien għall-appell;

F'dan il-każ il-fatti ndikati fil-premessi huma:

Li l-esponenti mhumiex is-sidien; u

Li hemm falsità sostanzjali dwar kif inhu deskritt il-fond;

Dawn mhumiex fatti ġodda għall-attur, u għalhekk m'ġġandux dritt jaġixxi għar-ritrattazzjoni;

Illi minn eżami tal-proċess oriġinali wieħed jista' jara n-numru sostanzjali ta' differimenti għall-provi tal-konvenut stante illi huwa kien qed isostni li kellu titolu validu. Il-konvenut qatt ma deher u kien biss fl-aħħar illi l-esponenti pprezentaw kapitolu. L-esponenti kellhom kull dritt li jippreżentaw kapitolu u ċertament ma jistax jingħad illi meta jiġi ppreżentat kapitolu jkun qed jikkommetti frodi. Del resto dan il-kapitolu ġie ammess u għalhekk il-konveut ma jistax issa jgħid l-oppost tiegħu;

Illi jekk il-konvenut tilef id-differiment dan tilfu għal żmien twil u seta' faċilment isibu billi jagħmel tfittxija fir-Reġistru li bil-*computer* jinstab fi ftit sekondi. *Allegans suam turpitudinem non est audiendem* (4. Inst. 279). Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, mhux minnu u huwa kategorikament miċħud illi l-esponenti ottjenew sentenza bi frodi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda li ġew prodotti;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut qed jibbaża t-talba għar-ritrattazzjoni fuq dak li jiddisponi l-artikolu 811 (a) tal-Kap. 12 li jipprovdi li "Kawża deċiża fi grad ta' appell tista' ... tiġi ritrattata ... jekk is-sentenza tkun ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara ta' l-oħra";

Billi l-kawża deċiża li l-konvenut qed jipprova jirritratta hija sentenza ta' Qorti ta' l-ewwel grad huwa applikabbli l-artikolu 812 ta' l-istess Kap. 12 li jiddisponi li:

"Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn Qorti ta' l-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata ukoll fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan (artikolu 811) basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien ta' l-appell";

Għalhekk l-attur, stante li qed jibbaża t-talba tiegħu fuq il-qerq ta' l-attur, irid, qabel xejn, jipprova li sar jaf b'dan il-qerq, mhux biss wara li nqatgħet il-kawża iżda anke wara li jkun skada ukoll iż-żmien ta' l-appell;

Mingħajr ma b'ebda mod għandu jiftiehem li din il-Qorti qed taċċetta li l-allegazzjoni ta' l-attur tista' tikkostitwixxi xi qerq, jirriżulta kemm mill-premessi taċ-ċitazzjoni kif ukoll mid-deposizzjoni ta' l-istess attur, illi l-istess attur jikkontendi li l-allegat qerq jikkonsisti fil-fatt li l-konvenuti odjerni (l-atturi fil-kawża attakkata), kienu talbu l-iżgumbrament tiegħu mill-fond *de quo* liema talba tippresupponi xi titolu li jikkonċedilhom id-dritt ta' l-azzjoni;

Għalhekk, skond l-istess attur, l-allegat "qerq" f'dak il-ħin li ġie nnotifikat bl-avviż, billi n-notifika timplika konoxxenza tal-kontenut ta' l-att sakemm ma jirriżultax xi impediment leġittimu rikonoxxut mil-liġi bħal, per eżempju, interdizzjoni;

Fil-każ in eżami mhux ikkontestat li l-attur kien ġie nnotifikat regolarment bl-imsemmi avviż. Infatti l-attur mhux biss kien konxju bil-pretensjoni tal-konvenuti, li ppretendew

dritt li jintitolahom li jitolbu l-iżgumbrament tiegħu mill-garaxx, iżda kkontesta t-talba tagħhom billi kien ukoll ippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu bl-assistenza ta' l-avukat ta' fiduċja;

F'din in-nota, l-attur, allura l-konvenut, filwaqt li kkontesta il-"qerq", ibbaża l-kontestazzjoni tiegħu fuq allegazzjoni ta' titolu inspeċifikat li allegatament kien jintitolah jirreżisti l-"qerq" tal-konvenuti allura atturi;

Inoltre, biex verament l-attur ikun ikkonsolida l-infondatezza tal-pretensjoni odjerna tiegħu, jirriżulta li kien naqas li jidher biex jirrispondi in subizzjoni għall-kapitoli ppreżentati fl-imsemmi avviż biex b'hekk dawn il-kapitoli ġew meqjusa bħala mistqarra. Għalhekk anke fil-mori ta' l-istess avviż, l-attur, allura konvenut, mhux biss kien jaf eżattament dak li kienu qed jippretendu l-allura atturi, iżda mingħajr ma kkontesta b'ebda mod it-titolu tagħhom spiċċa biex stqarr, per via ta' proċedura li l-awturi jqisu bħala *la regina delle prove*, li effettivament huwa m'għandux titolu validu u li għandu jiġi żgumbrat mill-garaxx biex konsegwentement dan jitħalla liberu favur l-allura atturi;

Evidentement, m'għandha ebda rilevanza f'dan ir-rigward in-negliġenza ammessa ta' l-istess attur li fuqu jibbaża n-nuqqas tiegħu li jidher fil-jum stabbilit għall-imsemmija subizzjoni;

*Għaldaqstant huwa kompletament assurd, u spjegat biss* bħala mezz ta' dilazzjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza msemmija ta' l-20 ta' Marzu, 1995, li l-attur jippretendi li sar jaf bil-pretensjoni ta' ħutu (li huwa għażel li jiddefinixxi bħala "qerq" b'dak kollu li l-kelma timplika) wara li ngħatat l-imsemmija sentenza u wara li skada t-terminu ta' l-appell iżda ntebaħ bil-"qerq" fiż-żmien ta' l-esekuzzjoni;

Għaldaqstant jirriżulta li l-fatti li taw lok għat-talba ta' ritrattazzjoni odjerna kienu ilhom a konoxxenza ta' l-attur sa mill-bidu tal-kawża, infatti kienu parti mill-meritu ta' l-istess kawża u r-rimedju ta' l-allura konvenut, jekk b'xi mod seta' ħass ruħu aggravat bis-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad, kien biss l-appell;

Tajjeb li jiġi stabbilit ukoll, mingħajr ħtieġa ta' approfondiment fid-dettalji stante dak li ġie hawn fuq deċiż, li l-fatt biss li persuna tressaq pretensjoni li tallega li għandha għall-ġudizzju tal-Qorti ma tista' qatt titqies bħala l-qerq ikkontemplat mil-liġi fil-konfront tal-parti konvenuta biex tirrispondi għal dik il-pretensjoni;

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talbiet attriċi;

Bl-ispejjeż kontra l-attur";

Minn din is-sentenza appella l-attur permezz ta' rikors ipprezentat fis-27 ta' Novembru, 1996 li bih talab ir-revoka tas-sentenza appellata u l-akkoljiment għat-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati. Għal dan l-appell daħlet ir-risposta fit-3 ta' Diċembru, 1996;

L-appellant qed jissottometti dan li ġej:

L-Ewwel Qorti kienet ta' l-opinjoni li t-trattazzjoni ma setgħetx issir għax jekk kien hemm il-qerq, dan l-esponenti sar jaf bih meta kien hemm il-preżentata tal-kawża u ġie nnotifikat biha;

L-iżball jinsab bil-fatt li meta ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni ma kienx hemm ukoll il-kapitolu;

F'dan il-każ ma hemmx kwistjoni jekk kienx hemm traskuraġni jew le ta' xi ħadd. L-appellat jissottometti li hu mhux prattiku tal-qrati u jekk tfixkel f'differiment għandu ċerti responsabbilitajiet. Imma dan ma jeżimix lil min ikun għamel il-kawża li dak li jipproponi quddiem il-Qorti jkun veritjier. Anke s-sistema tal-qorti, kollox magħmul leġittimament skond il-???

wara li skadielu t-terminu ta' l-appell. In verità, l-unika ħaġa li jista' jgħid u li fil-fatt qiegħed jgħidha, hu li sar jaf bil-kapitolu wara li skadielu t-terminu ta' l-appell. Però, dan il-fatt, bħala fatt, la jiġġjovah kif qed jippretendi hu u lanqas ma jista' jiġi ritenut mill-Qorti bħala li jintitolah jagħmel il-kawża tar-ritrattazzjoni jew li jirnexxi fiha. Jiżdied ukoll illi għalkemm fiċ-ċitazzjoni odjerna huwa jgħid li l-konvenuti kienu ppremettew li huma kellhom id-dritt ta' azzjoni biex jitolbu l-iżgumbrament, fl-20 ta' Marzu, 1995, effettivament il-kapitolu ma jgħidx hekk, imma jgħid biss "kapitolu ta' l-atturi għas-subizzjoni tal-konvenut li bih bil-ġurament iridu jippruvaw li l-konvenut qed jokkupa l-fond *de quo* mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u li għalhekk għandu jiġi żgumbrat mill-istess fond fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss bl-ispejjeż";

Huwa ovvju li s-sitwazzjoni kienet u baqgħet l-istess u l-fatt illi sar kapitolu li fuqu mbagħad ingħatat sentenza u li b'dan l-appellat ma kienx konxju ma jintitolahx kif ingħad, għad-dritt *ta' ritrattazzjoni, għaliex l-uniku fatt li seta' skopra wara li* għaddielu ż-żmien tas-sentenza kif ingħad, mhux l-allegata frodi imma l-fatt tal-preżentata tal-kapitolu u tas-sentenza sussegwenti;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi respint. Is-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu ta' l-appellanti.